## *MILL-ISTORJA*

TUMAS DINGLI

Tumas Dingli (1591 - 1666), li kien arkitett inġinier ta' l-Ordni tal-Kavallieri twieled Ħ'Attard, tħarreg tajjeb fil-matematika u l-letteratura taħt Matteo Cassar, iben Gerolemo. Beda jaħdem il-fortizzi ta'madwar il-gżejjer Maltin u fl-1630 bena l-bieb l-antik tal-Belt Valletta, qabel ma nbidel fi żmien l-Ingliżi.

Tumas Dingli u Ganni Attard issuktaw ix-xogħol ta' l-akwedott li jwassal l-ilma mill-Fawwara sal-Belt. Dan ix-xogħol kien bdieħ Patri Tomasucci li qata' qalbu wara xi żmien, iżda tkompla taħt il-parir għaqli ta' Bontadino de Bontadini minn Bologna li faħħar il-ħila ta' Dingli u Attard, li bil-ħila tagħhom dan il-proġett tkompla u ntemm fl-1615 fi żmien il-Granmastru Alof de Wignacourt.

Meta gie jżur Malta l-Markiż Giovanni dei Medici biex jispezzjona l-fortifikazzjonijiet, għaraf il-ħila ta' Tumas Dingli u offrielu li jieħdu miegħu l-Italja, iżda billi Malta kellha bżonnu, m'aċċettax it-talba tiegħu u baqa' hawn.

Fost l-opri sbieħ ta' Tumas Dingli, barra bieb il-Belt, insibu l-Palazz Arċiveskovili tal-Belt (1623), il-knejjes Parrokjali ta' Ħ'Attard (1613), Għargħur (1610), Gudja (1612), Naxxar (1630), Zabbar (1624), Żebbuġ (1630) u l-knisja parrokjali tal-Mosta li ġiet mwaqqa' biex floka titla r-Rotunda. Xi wħud minn dawn il-knejjes, illum, għandhom il-faċċati mibdulin u mhux kif kienu originarjament.

Il-Għargħur għandna tassew biex niftaħru bix-xogħol ta 'Tumas Dingli li kien kiseb fama kbira mal-Maltin u Barranin. Il-knisja parrokjali tagħna kif ukoll il-knisja żgħira ta' Santa Marija taż-Żellieqa huma xogħol li ħarġu mill-pjanti ta' Dinglli u nsibu li meta għamel il-pjanta tal-knisja Parrokjali kellu biss 19-il sena. Din ukoll kellha l-isfortuna li nbidlitilha l-faċċata tagħha mitt sena wara li tlestiet u l-faċċata li naraw illum ma taqbel xejn ma' l-istil Dariku ta' ġewwa. L-istess nistgħu ngħidu għad-disinn u dekorazzjoni sew tas-saqaf kif ukoll tal-koppla, Dingli kien għamilha mod ieħor.

L-unika knisja li għadha tgawdi l-istil arkitettonika li għamel Dingli hija l-knisja ta' Ħ'Attard li hi miżmuma b'għożża kbira sew mill-poplu ta' H'Attard kif ukoll minn kull min jgħożż l-arti.

Tumas Dingli jibqa' jgawdi l-fama fost l-aqwa arkitetti ta' żmienu speċjalment fl-arti tal-knejjes bħal ma hija l-knisja tagħna u kulħadd jibqa' rikonoxxenti lejh għall-għerf u l-ħili li wettaq f'ħajtu.

Lino Wettinger
21-7-96

---

## KELMTEJN

Reġgħet waslet festa oħra. Ikun ilna sena sħiħa nippreparaw.
Festa li għalina l-Għargħurin qiegħda għal qalbna ħafna.

Jien qiegħed nikteb f'isem sħabi li jinżlu l-kamra biex nirringrazzjaw lill-poplu Għargħuri kollu ta' l-għajnuna li dejjem tajtuna matul is-sena. Nixtieq insellem lil dawk li ma għadhomx magħna li tant għamlu biex isem ir-raħal ikun imfaħħar ma' Malta kollha.

Għamilna sagrifiċċji kbar biex għamilna programm imżewwaq kif jixraq lil Missierna San Bartilmew. Nispera li jmur kollox sewwa bħal ma nixtiequ aħna.

Nixtiequ nirringrazzjaw lil ħabrieki Kumitat li dejjem sibnieh f'kull ma kellna bżonn.

Nirringrazzjaw lil kullħadd.

IL-FESTA T-TAJBA

MEMBRU TAL-KAMRA